A.L. 83 ta' l-1999

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI FINANZJARJA U L-VERIFIKA (KAP. 174)

Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Finanzi Ġenerali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika, il-Ministru tal-Finanzi għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Finanzi Ġenerali, u għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1966 dwar il-Finanzi Ġenerali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 40 ta' l-1966.

Jissostitwixxi r-regolamenti 80 u 80A tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok ir-regolamenti 80 u 80A tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:-

"Thassir ta' telf ta' flejjes pubbliċi.

80. L-awtorità għat-thassir ta' xi telf ta' flejjes pubbliċi għandha tingħata mis-Segretarju jew minn dawk l- uffiċċjali l-oħra maħtura mill-Ministru:

Iżda:

(i) fejn l-ammont f'xi każ wieħed ma jkunx iżjed minn Lm2,500, it-thassir jista' jkun awtorizzat ukoll mis-Segretarju Permanenti responsabbli għad-dipartiment konċernat;

(ii) fejn l-ammont f'xi każ wieħed ma jkunx iżjed minn Lm500, it-thassir jista' jkun awtorizzat ukoll mill-Kap tad-Dipartiment konċernat;

Iżda wkoll, f'kull każ, ir-rakkomandazzjonijiet għat-thassir għandhom jgħidu x'rimedji jkunu ttieħdu sabiex ikunu evitati rikorrenzi simili fil-ġejjieni. Il-Kapijiet tad-Dipartiment għandhom ikunu responsabbli biex jiżguraw li ebda ammont ta' flus dovuti lill-Gvern ma jiġi preskritt bil-liġi.".

Jissostitwixxi r-regolamenti 99 sa 102 tar-regolamenti prinċipali.

3. Minflok ir-regolamenti 99 sa 102 tar-regolamenti prinċipali, għandu jidhol dan li gej:-

"Nuqqas ta' flus kontanti u ammonti b'eċċess.

99. (1) Kull nuqqas ta' flus li jiġi mikxuf għandu jagħmel tajjeb għalih minnufih l-uffiċjal konċernat.

(2) L-ammonti kollha misjuba b'eċċess għandhom jitqegħdu temporanjament f'Kont għal Depożiti Oħra għal żmien tliet xhur sakemm issir il-verifika tal-kontijiet, u wara dan, jekk ma jinstab l-ebda żball li jkun jiġġustifika ħlas lura, dawk l-ammonti għandhom jitqegħdu fil-Fond Konsolidat.

Record dettaljat ta' diskrepanzi ta' flus.

100. Għandu jinżamm fid-Dipartiment *record* dettaljat ta' diskrepanzi ta' flus matul kull sena finanzjarja.

Stħarriġ, ħlas lura, tħassir ta' diskrepanzi ta' flus.

101. (1) Kull diskrepanza ta' flus għandha tkun mistħarrġa mill-Kap tad-Dipartiment konċernat fi żmien xahar minn meta tiġri.

(2) Ħlief f'każ ta' negliġenza, jistgħu jiġu awtorizzati għal ħlas lura jew tħassir mill-Kap tad-Dipartiment ammonti sa Lm100. Fil-każijiet l-oħra kollha, l-awtorità għal ħlas lura jew tħassir għandha tingħata mis-Segretarju Permanenti responsabbli għad-Dipartiment konċernat:

Iżda, f'kull każ, ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jindikaw iċ-ċirkustanzi li jkunu wasslu għat-telf tal-flus u liema rimedju, skond il-ħtieġa, jkun ittieħed, biex ikunu evitati rikorrenzi simili.

Dikjarazzjonijiet dettaljati dwar telf ta' flus.

102. (1) Il-Kapijiet tad-Dipartiment għandhom jgħaddu lis-Segretarju Permanenti tagħhom dikjarazzjonijiet ta' kull sitt xhur li jelenkaw, taħt kull kategorija, l-każijiet tat-tħassir dipartimentali ta' telf ta' flus, b'dan li jispeċifikaw fid-dikjarazzjoni x'rimedji jkunu ttieħdu.

(2) Il-Kapijiet tad-Dipartiment għandhom jgħaddu lis-Segretarju Permanenti tagħhom, lill-*Accountant General* u lill-Awditur Ġenerali, dikjarazzjoni ta' kull sena dwar it-telf kollu ta' flus li jkun ġara minħabba f'serq, frodi, jew negliġenza, u ta' kull tħassir dipartimentali li jkun ġie awtorizzat matul dik is-sena finanzjarja.".

4. Minflok ir-regolamenti 110 u 111 tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:- Jissostitwixxi r-regolamenti 110 u 111 tar-regolamenti prinċipali.

"Ħwejjeġ ta'valur moghtija lil Kapijiet ta' Dipartimenti.

110. (1) Kapijiet ta' Dipartiment li jirċievu ħwejjeġ ta' valur b'donazzjoni fil-kapaċità uffiċjali tagħhom għandhom jiddikjaraw dawk id-donazzjonijiet f'rapport li jagħmlu lis-Segretarju Permanenti tagħhom.

(2) Kull donazzjoni bħal dik għandha tiġi dejjem addebitata fil-*ledger* tal-ħażniet jew fil-lista tal-inventarju skond il-każ.

Stocktaking minn Dipartimenti u nuqqasijiet li jiġu rappurtati.

111. (1) Kapijiet ta' Dipartiment għandhom jissodisfaw ruħhom billi kull tant żmien isir *stocktaking*, u matul l-ewwel xahar tas-sena finanzjarja f'kull każ, dwar li l-bilanċi ta' ħażniet akkreditati jkunu tabilħaqq jeżistu, u għandhom jgħaddu rapport lis-Segretarju Permanenti tagħhom dwar kull verifika materjali li ssir dwar ħażniet, fejn tissemma d-data ta' meta saret il-verifika, il-ħażniet verifikati u r-riżultati miksuba. Dak ir-rapport għandu jiġi kkupjat lill-Awditur Ġenerali.

(2) Diskrepanzi bejn il-bilanċi fil-kotba u l-ħażniet attwali li jirriżultaw minn *stocktaking* bħal dak għandhom jiġu rrappurtati minnufih mill-Kap tad-Dipartiment lis-Segretarju Permanenti tiegħu.".

5. Minflok ir-regolament 113 tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan ir-regolament li ġej:- Jissostitwixxi r-regolament 113 tar-regolamenti prinċipali.

"Kundanna ta' ħażniet bħala mhux servibbli u tħassir relattiv.

113. (1) Il-kundanna ta' ħażniet jew oggetti oħra bħala mhux servibbli u t-tħassir tagħhom għandhom ikunu awtorizzati mis-Segretarju Permanenti responsabbli għad-Dipartiment konċernat skond rapport ta' Bord ta' Spezzjon, liema bord ma jkunx jinkludi impjegati tad-Dipartiment konċernat.

(2) Meta, fid-diskrezzjoni tal-Kap tad-Dipartiment, l-oġġetti in kwistjoni jkunu ta' valur oriġinali żgħir, huwa jista' jitlob l-awtorità tas-Segretarju Permanenti tiegħu biex jiddispensa mill-ħtieġa ta' Bord.".

6. Minflok ir-regolamenti 115 sa 118 tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:- Jissostitwixxi r-regolamenti 115 sa 118 tar-regolamenti prinċipali.

"Tneħħija ta' ħażniet b'offerti.

115. Ħlief meta l-Ministru jordna mod ieħor, oġġetti ta' ħażniet żejda għandhom jitneħħew mid-Direttur tal-Kuntratti wara li dan ikun ħareġ sejħa pubblika għall-offerti:

Iżda:-

(i) oġġetti b'valur stmat li ma jaqbiżx Lm20,000 jistgħu wkoll jitneħħew dipartimentalment hekk kif jista' jiġi approvat mis-Segretarju Permanenti responsabbli għad-Dipartiment konċernat wara sejħa pubblika għall-offerti maħruġa permezz tad-Direttur tal-Kuntratti;

(ii) oġġetti b'valur stmat li ma jaqbiżx Lm2,500 jistgħu wkoll jitneħħew dipartimentalment fid-diskrezzjoni tas-Segretarju Permanenti responsabbli għad-Dipartiment konċernat wara li jkunu inġabru mhux anqas minn ħames kwotazzjonijiet mis-suq liberu;

(iii) oġġetti b'valur stmat li ma jaqbiżx Lm500 jistgħu wkoll jitneħħew dipartimentalment fid-diskrezzjoni tal-Kap tad-Dipartiment konċernat;

Iżda wkoll, f'kull każ, ebda uffiċċjal pubbliku m'għandu jitħalla jikkwota jew jitfa' offerti biex jakkwista oġġetti bħal dawk sew direttament sew mhux direttament.

Donazzjonijiet lil istituti u organizzazzjonijiet.

116. Oġġetti ta' ħażniet jew ta' inventarju mhux meħtieġa għall-għanijiet tal-Gvern jistgħu jingħataw b'donazzjoni lil istituzzjonijiet jew organizzazzjonijiet, b'dan li tingħata riċevuta formali, wara rakkomandazzjonijiet għal dak l-għan mill-Kap tad-Dipartiment u kif awtorizzat mis-Segretarju Permanenti konċernat:

Iżda l-Kapijiet ta' Dipartiment għandhom, fi tmiem kull sena finanzjarja, iressqu quddiem is-Segretarju permezz tas-Segretarju Permanenti tagħhom, lista ta' donazzjonijiet bħal dawk fejn turi l-benefiċċjarji u fejn tikkonferma li r-reġistri tal-ħażniet u ta' l-inventarji tagħhom ikunu ġew aġġornati skond hekk.

Self lil dipartimenti ohra.

117. Hlief bl-awtorità tas-Segretarju Permanenti konċernat, oġġetti ta' ħażniet m'għandhomx jinħarġu b'self minn Kap ta' Dipartiment ħlief lil Dipartiment ieħor tal-Gvern jew lil xi Organizzazzjoni tal-Gvern.

Thassir ta' telf ta' ħażniet.

118. (1) Każijiet ta' telf jew nuqqas ta' ħażniet għandhom ikunu investigati minn Bord ta' Spezzjon li jkun

imwaqqaf mis-Segretarju Permanenti responsabbli għad-Dipartiment konċernat. Dak il-Bord, li m'għandux jinkludi xi impjegat ta' dak id-Dipartment li jkun responsabbli għall-ħażniet, għandu jagħmel rapport ta' dak li jsib u jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet relattivi lis-Segretarju Permanenti, li jkun awtorizzat li jagixxi skond dawk ir-rakkomandazzjonijiet.

(2) Is-Segretarju Permanenti jista' jiddispensa milli jkun hemm Bord ta' Spezzjon fid-diskrezzjoni tiegħu meta l-Kap tad-Dipartiment konċernat jiċċertifika li *prima facie* ma jkun hemm ebda indikazzjoni ta' xi frodi jew negliġenza, u li l-valur ta' xi oġġett wieħed partikolari ma jkunx ta' aktar minn Lm200.

(3) F' kull każ, l-awtorità għat-tħassir tat-telf jew nuqqas ta' ħażniet tkun vestita fis-Segretarju:

Iżda:-

(i) ħażniet b'valur stmat li ma jkunx aktar minn Lm5,000 jistgħu wkoll jitħassru bl-awtorità tas-Segretarju Permanenti responsabbli għad-Dipartiment konċernat;

(ii) ħażniet b'valur stmat li ma jkunx aktar minn Lm500 jistgħu wkoll jitħassru bl-awtorità tal-Kap tad-Dipartiment konċernat.".